Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 29/2014AE

**Audrey Paris [I.D. 255976M]**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016

Permezz ta' ittra datata 7 ta' Marzu 2014, id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali kien baghat igharraf lil Audrey Paris, illum appellata, li:

*"…. minn investigazzjoni li ghamel id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali gie stabbilit li b'effet mid-29 ta' Jannar 2014 inti mintiex qed tifforma familja ghall-rasek u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali". Ghaldaqstant jirrizulta li inti thallast zejjed is-somma ta' €122.13 fl-Allowance tat-Tfal li rcevejt ghall-perjodu bejn l-01.02.14 u l-04.04.14. Minhabba l-istess raguni inti se tibda tircievi l-Allowance tat-Tfal bir-rata minima, sakemm inti tirregolarizza ruhek billi tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali dwar fejn u ma' min qed toqghod fil-prezent".*

L-appellata appellat quddiem l-Arbitru a tenur tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318). Hi ssostni li wara li kienet isseparat minn ma' zewgha kienet marret tghix mal-genituri taghha ghaliex id-dar matrimonjali kienet proprjeta parafernali ta' zewgha. Ziedet li kienet ghadha tabita fil-fond 11, Triq Bormla, Zabbar u cjoe' fid-dar tal-genituri taghha. B'decizjoni tal-5 ta' Novembru l-Arbitru kkonkluda li "*huwa rinfaccjat b'verzjonijiet ta' xhieda li kollha huma kredibbli u ghandhom mis-sewwa. Illi fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma tkunx qieghda ssir gustizzja mal-appellanta jekk dan il-Bord jistrieh fuq ix-xhieda tal-Ispettur, minkejja li x-xhieda tieghu kienet daqstant kredibbli daqs ix-xhieda mressqa mill-appellanta. Ghaldaqstant, u in vista tal-premess, l-Arbitru huwa tal-fehma li l-appell ghandu jigi milqugh u d-decizjoni tad-DSS ghandha tigi revokata."* Din l-istess decizjoni inghatat fil-konfront ta' tlett appelli bin-numri Ump238/14, Ump 239/14 u Ump 289/14, hekk kif verbalizzat waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2014.

Minn din id-decizjoni appella d-Direttur tas-Sigurta' Socjali, bl-aggravju li l-arbitru (i)

ma tax motivazzjoni u konsegwentement ma mexiex *rite* e *recte* fit-tfassil tad-decizjoni tieghu; (ii) ezercita d-diskrezzjoni tieghu manifestament hazin; (iii) ta nterpretazzjoni skorretta tal-ligi.

L-appellata wiegbet li (i) r-rapport ta' l-ispettorat tas-Sigurta' Socjali huwa bbazat fuq assunzjonijiet kemm fir-rigward tal-hwejjeg li nstabu tat-tfal kif ukoll tal-istess appellata; (ii) omm l-appellata offriet risposta ghal kull domanda illi saritilha; (iii) l-arbitru mexa u uza d-diskrezzjoni tieghu bl-ahjar abbilita u fil-parametri permessi fil-ligi, liema diskrezzjoni m'ghandiex tkun ghalhekk sindakata min din l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2015[1] deheru l-partijiet assistiti u l-appell gie differit ghas-sentenza.

Dan l-appell huwa konness ma' zewg appelli ohra fl-istess ismijiet – Rik Nru 30/2014 u 28/2014 in kwantu l-vertenza f'dawk il-proceduri ukoll hija dwar jekk l-appellata u wliedha humiex residenti jew le fil-fond numru 11, Triq Bormla, Zabbar.

Illum il-qorti tat decizjoni fil-kaz li jitratta dwar l-istess meritu fl-appell numru 30/2014 fl-ismijiet **Audrey Paris vs Direttur tas-Sigurta Socjali**. Ghalhekk il-qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel ampja riferenza ghal dik is-sentenza, u qeghda taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet hemm maghmula u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel aggravju u tilqa' t-tieni u tielet aggravji tal-appell tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali. Ghaldaqstant thassar id-decizjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Novembru 2014 u tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur. Bl-ispejjez kontra l-appellata.**

Anthony Ellul.

[1] Fol 22.